**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 09-10

**Data:** 30 ta' Settembruu 2010

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier - skuzat

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 08.10 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Vici Sindku s-sur Norbert Grech.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Devoluzzjoni - Korrispondenza mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali staqsiet jekk hemmx permess tal-MEPA ghac-Cimiterju ta' Wied Ghammieq. Is-Sindku fiehem lill-Kunsill li skond il-ligijiet tal-pajjiz il-Gvern Centrali ma jistax ibiegh oqbra oltre dawk tac-Cimiterju tal-Addollorata. Huwa sahaq li l-Kunsill ghalissa jista jitlob titolu tal-art tac-Cimiterju ta' Wied Ghammieq u li l-uniku mezz li l-Kunsill ikun jista jbiegh l-oqbra hu billi taddi rezoluzzjoni fil-Parlament. Il-Kunsill qabel li ghalissa jista jkompli ghaddej bil-process tad-devoluzzjoni tac-Cimiterju ta' Wied Ghammieq. Dwar id-devoluzzjoni tal-art ta' fejn l-iskola Primarja fejn hemm il-hsieb li jinbena c-Centru Civiku is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Maria Sultana sabiex titkellem mal-kap tal-iskola sabiex naraw f'liema fazi waslet l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni ta' din l-art.

2.2 Il-Kunsilliera Speranza Chircop irreferiet ghas-seduta 08/10 fejn peress li hi ma kienetx prezenti fil-laqgha qalet li sabiex f'Jum il-Premjazzjoni fl-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara jinghataw certifikat dawk li hadu sehem fl-attivita ta' Puttinu Cares bl-istands tat-talenti. Il-Kunsilliera Maria Sultana regghet issuggeriet ukoll sabiex id-divizorji tal-lokalitajiet fil-mappa ta' Malta li qieghda fil-Gnien tas-Salvatur ghandhom jidjiequ. Il-Kunsill qabel maz-zewg talbiet.

## 3. Korrispondenza

3.1 Il-Kunsill Lokali ircieva korrispondenza mill-MEPA sabiex biex jinhareg il-permess tal-latrina fil-bandli trid tithallas multa. Dan peress li minhabba li l-applikazzjoni tal-upgrading fl-area tal-bandli, li kienet saret fl-1996 ma kienetx kompluta u skond ir-regolamenti tal-MEPA. Ghalhekk is-Sindku qal li ghandhom isiru l-pjanti tal-estenzjoni tal-playing field, issir l-applikazzjoni lill-MEPA ghall-istess estenzjoni u wara ssir l-applikazzjoni ghall-Urban Improvement Funds.

3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-laqgha li kellu fi Smart City illum flimkien mas-Sindku tax-Xghajra u ta' Haz Zabbar, ntwerew pjanti ta liema toroq ser isiru sal-ahhar tas-sena b'konnessjoni ma SmartCity. Is-Sindku gie nfurmat li ser isir resurfacing ta' Triq Missjoni Taljana, Triq Marina, Triq ix-Xatt kif ukoll il-bini mill-gdid tat-Triq Santa Liberata u Parti minn Triq Santu Rokku. Ix-xoghol ser jibda billi ser isir resurfacing ta' parti minn Triq Santu Rokku u parti minn Triq il-Missjoni Taljana bil-hot asphalt sakemm issir it-Triq kif suppost minn Transport Malta.

## 4. Gemellagg

Iz-zjara tad-delegazzjoni mill-Kalkara ghal Crespellano ntemmet ilbierah 29 ta' Settembru 2010. F'din iz-zjara gew diskussi dawn il-possibilitajiet.

- Delegazzjoni mill-Comune di Crespellano gejja Malta fi Frar 2011 ghall-konferenza nazzjonali organizzata mill-Gvern Centrali ta' Malta.
- Jimmaterjalizza il-kors tat-tghalim tal-Ingliz ghaz-zghazagh Taljani fil-lokal tal-Kalkara. Il-genituri ta' dawn iz-zghazagh jistghu jakkumpanjaw lill-uliedhom matul dan il-kors u jaghmlu kors tal-artiggjanat malti.
- Norbert Grech ha hsieb id-diskussjoni sabiex isir skambju tal-Football ghal team tal-Under 14 u lok ghal sport iehoe bejn iz-zewg lokalitajiet.
- Inizjattiva ta' grupp ta' 4 persuni jahdmu fuq restawr tal-Injam. Dan jista jsir billi isir seminar fic-Centru tar-Restawr ta' Bighi fuq dan it-tip ta' xoghol.
- Maria Sultana ghandha tkompli bid-diskussjoni dwar il-kuntatt bejn l-iskejjel. Dan jista jsir billi jsir skambju bejn il-klassijiet is-sena li gejja. Bil-kollaborazzjoni ta' Roderick Mizzi ghandu jsir studju dwar il-possibilita li jsir kuntatt virtwali bl-uzu ta' sistemi moderni.
- Speranza Chircop ghandha tkompli tiddiskuti l-process ta' kors fil-crafts bejn anzjani u familji miz-zewg lokalitajiet.
- Is-Sindku tkellem dwar l-involviment ta' resident zghazugh li qieghed jaghmel il-kors fl-Istitut tal-Istudji Turistici u l-possibilita li dan imur jaghmel kors tal-gelateria fl-Universita li zorna waqt iz-zjara fl-Italja.

## 5. Tender 4/2010 – Resurfacing of roads by public private partnership

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li r-rapport bl-evalwazzjoni tal-prezzijiet mill-Perit tal-Kunsill ghadhom ma waslux u kif il-Kunsill ikollu r-rapport, tissejjah laqgha fuq is-suggett.

## 6. Tender 5/2010 – Sustainable development action plan.

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li r-rapport tal-perit tal-Kunsill qieghed jghid li peress li l-prezz tal-offerta kien ta' 20,000 ewro tat-tnejn mitfghuha ittiehdu in konsiderazzjoni affarijiet ohra.

L-offerta mid-Dconsulta ghandha 2 esperti maltin u 3 esperti barranin filwaqt li l-offerta l-ohra minn F.Azzopardi and Associates Ltd. Ghandha 8 esperti kollha maltin.

Is-sejha tad-Dconsulta hija aktar vasta u generali filwaqt li dik ta' F.Azzopardi and Associates Ltd. hija aktar ikkoncentrata fuq il-Kalkara fejn issemmi l-impatt ta' SmartCity, tal-Yacht Marina u tal-playing field fil-Pjazza Misrah Arcisqof Gonzi. Fl-istess sejha issemma l-istudju tal-implikazzjonijiet socjali u kulturali liema implikazzjonijiet ma ssemmewx fl-offerta tad-Dconsulta.

Il-Kunsill iddiskuta dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit u ddecieda li jaghzel l-offerta ta' F.Azzopardi and Associates Ltd. bhala l-aktar wahda vantaggjuza.

## 7. Jum il-Kalkara

Gie deciz fuq proposta tas-Sindku li nhar il-Gimgha 10 ta' Dicembru issir Jum il-Premjazzjoni u Jum il-Kalkara fl-iskola Primarja. Gie deciz ukoll li minflok l-ghotjiet li kienu jsiru fis-snin ta' qabel din is-sena jinghataw Certifikati lil dawk kollha li attendew xi kors organizzat mill-Kunsill Lokali Kalkara. Dawk li ggradwaw fl-ahhar sena kif ukoll it-tfal Kalkarizi li spiccaw l-ahhar klassi tal-Primarja jinghataw ktieb. Il-Presidenti tal-klabbs tar-regatta lokali kif ukoll tal-klabb tal-football lokali jinghataw certifikat li jkun jista jinzamm fi frame sabiex tigi apprezzata l-hidma taghhom fiz-zewg oqsma differenti.

Is-Sibt 11 ta' Dicembru issir il-Quddiesa ta' ringrazzjament u l-Kuncert Muzikali u wara ssir bibita ghall-okkazjoni. Gie propost u deciz ukoll li l-inviti ghall-okkazjonijiet isiru ghand Printer professjonali u ghalhekk ghandhom jingabru l-kwotazzjonijiet mehtiega.

## 8. Approvazzjoni ta' xogholijiet u nfieq

Is-Sindku semma li dwar il-hadid ghal madwar il-mafkar tal-vittmi tal-gwerra, ghandu jigi stabbilit il-qies tal-hadid fejn imbghad dan ser jinhadem minn haddiema assenjati apposta mill-IPSL.

Giet apporvata l-lista ta' nfieq bin-numru 09/2010.

## 9. Aggornament

9.1 Il-Kunsilliera Maria Sultana ghaddiet dawn il-punti:

a) Issir tindifa mad-dawra tac-Cimiterju ta' Wied Ghammieq. Is-Sindku qallha li diga sar ftehim mal-kuntrattur sabiex isir dan fiz-zmien li gej qabel Novembru.

9.2 Il-Kunsilliera Speranza Chircop ghaddiet dawn il-punti:

a) Ser tigi organizzata Zjara fic-Cimiterju tal-Addollorata fid-9 ta' Novembru 2010.

9.3 Il-Vici Sindku Norbert Grech ghadda dawn il-punti:

a) Fi triq Missjoni Taljana hemm hofra kbira quddiem dar specifika sabiex din timtela.

b) Il-bankina ta' Triq il-Luqqata qieghda tizloq. Is-Sindku qal li naraw il-possibilita li din tingiref minn xi haddiema li qieghdin jahdmu fl-akwati tal-iskola.

c) Huwa sahaq sabiex min itella d-dghajsa fi Bruno Stores Bighi u jnaddaf id-dghajjsa ihalli l-area nadifa. Is-Sindku qal li fil-permess li jinhareg mill-ufficcju tal-Kunsill, wahda mill-kundizzjonijiet hija li jzommu l-post nadif.

Il-Laqgha giet aggornata ghat-Tnejn 18 ta' Ottubru 2010 fil-5.30p.m.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv